# Il-Kompromess

Mary Chetcuti

Monika telqet kmieni mix-xogħol peress li nqalgħet ħsara fis-sistema tad-dawl, u peress li ma kienx hemm ħaġ'oħra x'tagħmel, hi ħatfet l-okkażjoni biex tmur tagħmel xirja mis-*supermarket* qabel tibqa' sejra lejn id-dar avolja tilfet l-*overtime*.

Meta waslet id-dar, hi u tiftaħ il-bieb ta' barra bdiet tisma' leħen ir-raġel tagħha, John, u leħen ta' mara tidħak. Baqgħet dieħla fil-kċina minn fejn kienu ġejjin l-ilħna u ssib tfajla ta' xi ħamsa u għoxrin sena bilqiegħda fuq il-banketta għolja tal-mejda tal-kolazzjon u żewġha, John, għarkupptejh quddiemha jaqflilha s-sandli u fl-istess ħin jimmassaġġalha l-għaksa u l-pexxul b'idu tielgħa bil-mod il-mod 'il fuq lejn il-koxxa għerja tat-tfajla. Bil-ħasda Monika telqet iż-żewġ basktijiet tax-xirja minn idejha. Mal-ħoss tal-basktijiet jaqgħu John dar bil-ħasda u ra lil martu fil-bieb tħares lejh b'miljun espressjoni f'għajnejha u fuq wiċċha li kienu jvarjaw minn sorpriża, għal rabja, għal diżappunt, li kollha flimkien kienu qed jakkumulaw fi splużjoni. Tħawwad, qam jiġri u ġie quddiem it-tfajla qisu jrid jaħbiha minn Monika.

"Monika! Ħa nispjegalek ... taħsibx ħażin ... lanqas biss naf min hi ..." laqlaq John.

Fl-istess ħin it-tfajla, li Monika qatt ma kienet ratha qabel, iżżerżqet inkiss, inkiss minn fuq il-banketta u minn wara John, u lebbtet tiġri 'l barra.

"Xi spjegazzjoni trid ittini John?! Li issa qed iġġib il-qħab tiegħek ġo dari! qaltlu Monika b'leħinha jitriegħed. "M'hemmx x' tispjega. M'iniex se naċċetta li tkornini f'dari wkoll. Issa xbajt, XBAJT, qed tisma'!" hija għajtet.

Minn hawn 'il quddiem inqalgħet ġlieda kbira bejn Monika u John, b'Monika tkeċċih 'il barra mid-dar u John jitkarrab bil-ħniena biex tikkalma ftit ħalli jispjegalha ...

... u terġa' tirrepeti ruħha x-xena ta' dawn l-aħħar seba' snin minn meta Monika kienet indunat għall-ewwel darba li kien qed jittradiha. John raġel sabiħ ta' tmienja u tletin sena, twil u dejjem iżomm ruħu eleganti. Ma kellux bżonn jiġri wara n-nisa għax dawn jaqbdu miegħu huma qishom dubbien. Monika kienet l-unika mara li John ġera warajha sakemm rebaħha – forsi għax hi kienet mara sabiħa wkoll. Iżda biż-żmien aktar bdiet tissuspetta li ġera warajha għax hi ma kenitx taf x'inhu u hu kien jaf li hi ġejja minn familja tat-tajjeb. Kieku kellha tiddeskrivi lil żewġha, Monika kienet tgħid li John huwa bniedem affaxxinanti imma dgħajjef u kultant b'moħħ ta' tifel li jagħmel affarijiet mingħajr ma jara l-konsegwenzi. Però l-imħabba li juri lejn uliedhom hija ġenwina. Anzi John huwa missier iffissat fuq iż-żewġ uliedu, Martina ta'għaxar snin u Mattie (Matthew) ta' tmien snin. U l-biża' tiegħu kienet li martu għad tkeċċih 'il barra u ma tħallihx jarahom iżjed – li ngħiduha kif inhi kellha kull dritt għax hu nesa kemm-il darba taha kelmtu li joqgħod bil-għaqal u wara ftit jerġa' jaqa' koppi. Din kienet xi ħaġa li lanqas John stess ma seta' jispjegaha li meta jinduna li xi tfajla jew mara tibda turi interess fih, din tibqa' tiġri warajh u hu ma jirreżistix!

S'issa Monika kienet tilfet il-kont ta'kemm-il darba qabdet lil żewġha jittradiha, u ma setgħetx timmaġina kemm kienu jammontaw id-drabi fejn ma qabditux! Kemm-il darba keċċietu 'l barra iżda mbagħad tant kien jagħmel ruħu tal-ħniena li hi kienet traqqad il-biċċa xogħol f'ġieħ uliedhom biss għax il-ħajja konjugali kienet ilha li spiċċat bejniethom, u hi kienet tħossha aktar komda hekk milli juriha wiċċ b'ieħor. Mill-banda l-oħra Martina u Mattie jadurawh lil missierhom. Monika xi kultant timmeravilja ruħha b'din ir-rabta daqshekk profonda li wliedha għandhom ma' missierhom u viċeversa. U xi drabi tħossha tgħir xi ftit ukoll għall-fatt li huma jagħtuh daqstant attenzjoni, avolja lilha jħobbuha ħafna wkoll.

Din id-darba l-ġlieda ħadet vers kemxejn gravi aktar minn tas-soltu peress li kienet l-ewwel darba li John ġab mara oħra ġewwa d-dar meta kien mingħalih u moħħu mistrieħ li martu qiegħda x-xogħol.

Monika qaltlu, "Ma baqagħlekx rispetti lejn ħadd biex tasal tagħmel hekk, lanqas lejn uliedek stess."

Din is-sentenza nifditu fil-fond ta' qalbu u induna li din id-darba għaxxaqha bil-kbir. John kien ilu xi xahar u nofs li tilef ix-xogħol minħabba li l-kumpanija li kien jaħdem magħha naqqset in-nies. Issa kien jinsab f'sitwazzjoni aktar prekarja peress li Monika kienet qed taħdem hi għall-familja.

B'leħen sod u rrabjat martu qaltlu, "John, issa qbiżt il-limiti kollha. Ma tfajtekx 'il barra minn dari minħabba li t-tfal għadhom żgħar u għandhom bżonnok u mhux għax nitħassar lilek! Imma li ġġib waħda miċ-ċrieċer li tiġbor minn barra f'dar uliedek, mela veru ma baqagħlekx żejt f'wiċċek! BARRA!"

Monika qabdet tistiva x-xirja minn ġol-basktijiet għal ġol-bank tal-kċina, u ssabbat il-bibien biex tagħlaqhom, filwaqt li baqgħet tgħajru u tneħħi dak kollu li kellha fuq l-istonku tagħha. John baqa' bilwieqfa ħdejn il-banketta vojta jħares lejn l-art u ma jitkellem xejn. Minn ġewwa kien iddisprat u seħet is-siegħa u l-mument li għen lil dik it-tfajla li ntlewiet minn fuq is-sandli għoli tagħha hi u għaddejja minn ħdejh quddiem id-dar. Laqagħha f' dirgħajh biex ma taqax u stedinha ġewwa biex jirranġalha s-sandli. L-okkażjonijiet kienu sempliċement jaqgħu f'idejh! Imma lil Monika ma kienx se jgħidilha kif ġraw l-affarijiet għax wisq beża' li tgaralu bott minn dawk li kienet qed tistiva b'tant enerġija u tiftaħlu rasu ktieb. Sabbtet l-aħħar bieba, ħarġet mill-kċina u marret f'kamritha u sabbtet il-bieb warajha. John ma kienx jidħol fil-kamra tas-sodda ta' martu mindu bdew jorqdu fi kmamar separati, għax dak kien it-territorju privat tagħha u hu kien jirrispettah.

Wara xi siegħa ħarġet biex tmur iġġib it-tfal mill-iskola u sabitu bilqiegħda fl-art ħdejn kamritha.

"Għadek hawn?" qaltlu b'ton li kien jidher li kien aktar ikkontrallat issa.

John qam fuq irkupptejh quddiemha u qalilha, "Monika, mhux se ngħidlek biex taħfirli. Naf li żbaljajt bl-ikrah din id-darba, imma ismagħni … itlobni kwalunkwe ħaġa … kwalunkwe ħaġa, imma ċċaħħadnix mit-tfal."

Monika ħarset lejh u indunat li kien inkwetat bil-kbir u qaltlu, "Allura x'nagħmel John? Nibqa' qisu ma ġara xejn? Min jaf kieku rawk it-tfal flok jien tiċċaċċra ma' dik? Ara taħseb li jien qed ninkedd għalija. Tajtek żmien u ħfirtlek u rġajt ħfirtlek u mis-seba' ħadt l-id. Ma tarax li inti bniedem tan-nejk u kelmtek tan-nejk aktar minnek!"

John straħ lura fuq irkupptejh, baxxa rasu u ma qal xejn.

Monika kompliet, "Biex tgħaxxaq id-dinja issa m'intix taħdem ukoll u qed nagħmel kollox jien – naħdem ix-xogħol, naħdem id-dar u mat-tfal u inti ma taħdimx u titnejjek!"

Monika qabdet miexja biex tmur lejn il-bieb ta' barra, b'John jimxi warajha.

Daret fuqu u bl-akbar serjetà qaltlu, "Insomma, sakemm niġi lura ma rridx insibek hawn, u din id-darba mhux se nerġa' lura minn kelmti John … lit-tfal insibilhom skuża ta'xi ħaġa u mbagħad 'il quddiem ngħidilhom bil-mod. Tgħidx li ma kontx avżajtek li oħra u titlaq 'il barra, imma mid-dehra taħseb li jiena ma nasalx. Għandek żball John!"

John beda jippanikja, "Monika naħliflek … naħlef fuq l-għeżież uliedi … nagħmel kulma tgħidli … kollox basta nibqa' nara t-tfal. Tgħidilhomx li missierhom huwa bniedem pulċinell. Mona! Itlobni li trid. Li trid! Kelmti qatt ma żammejtha veru, imma qatt ma ħlift fuq uliedi lanqas u nassigurak li mhux se nerġa' lura fuq ħalfa bħal din ta' raġel li jien." U reġa' tenna, "Itlob minni li trid Monika!"

Monika ħarset sew f'għajnejh u fil-verità qatt qabel ma kienet rat lil żewġha serju u determinat daqs dakinhar apparti li qatt ma ħalef fuq xejn għax jibża' mill-ħalf.

Kienu d-disgħa u nofs ta' filgħaxija u kien kważi sar il-ħin biex jiltaqa' magħha. John ħareġ ir-ritratt li kellu fil-but tal-ġlekk biex jerġa' jagħti daqqa ta' għajn tal-aħħar lil wiċċha ħalli kif jaraha jagħrafha mill-ewwel.

John kien qiegħed fil-*piano bar* ta' lukanda lussuża. Kien liebes ġlekk u qalziet tal-istess kulur u *t-shirt* minn taħt li jikkumplimenta l-figura ta' mudell li kien għadu jgawdi. Ma kienx nervuż, anzi kien iħossu rilassat għall-aħħar għax skont ir-ritratt, imniżżel minn fuq l-internet, il-mara Amerikana li kellu appuntament magħha kienet tidher li hi mara sabiħa ferm, avolja kienet xi għaxar snin akbar minnu.

Kif ħares 'il fuq mir-ritratt jaraha titfaċċa fl-entratura tal-bar. Huwa qam u mar lejn id-direzzjoni tagħha, u hi kif ratu tbissmet u mxiet lejn id-direzzjoni tiegħu. Kienet mara twila kważi daqsu u fil-verità kienet isbaħ mir-ritratt, għalkemm mad-daqqa ta' għajn, John ikkalkula li għandha daqsxejn aktar żmien milli fil-fatt stqarret li kellha. Però għal John dan ma kienx importanti. Stedinha tpoġġi bilqiegħda u introduċew ruħhom ma' xulxin.

John qalilha bi tbissima li tħollok, "Jiena John, għandi pjaċir."

Hi ħarset f'għajnejh u mbagħad għajnejha mxew lejn xufftejh u baqgħu niżlin 'l isfel u qaltlu "Jiena Lesley u l-pjaċir kollu tiegħi."

Staqsieha jekk tixtieqx tixrob xi ħaġa miegħu, u hekk għamlu. Minn hemm 'il quddiem is-serata kompliet b'mod pjaċevoli, tant li min ma jafhomx u jħares lejhom jispiċċa jgħid li huma koppja sabiħa li ma jaqilgħux għajnejhom minn fuq xulxin huma u jitkellmu. Jitkellmu b'ton trankwill minn taħt l-ilsien u kultant hi tidħak b'mod seduċenti u senswali b' xi haġa li jgħidilha hu. Kienet tinħass ċerta intimità bejniethom.

Wara ftit ħin li kienu ilhom hemm Lesley resqet daqsxejn oħra lejn John u poġġiet idha fuq irkopptu. Hu tbissem u poġġa idu fuq idha u hi trekknet ftit ieħor biex tkellmu f'widnejh, "Dan is-sufan komdu kemm tridu, imma wisq nibża' li jarrestawna jekk nibda nneħħilek ħwejġek minn fuqek hawnhekk."

It-tnejn daħku b'dak il-mod sottili li jinftiehem bejn żewġ maħbubin, qamu minn posthom u ħarġu mill-bar.

Tellgħetu fil-kamra spazjuża tagħha li kienet alloġġjata fiha għal ġimgħa sħiħa. Daħlu u għalqu l-bieb warajhom. Offrietlu *drink* iżda hu rrifjuta għax kien jaf eżatt xi tridu jagħmel. Għaddew lejl mimli passjoni, jinħabbu u jorqdu għal ftit sabiex jerġgħu jqajmu lil xulxin biex jgħaddu għal sessjoni oħra ta' dellirju ta' sess sakemm teskala f'orgażmi sfrenati. Sa sbieħ il-jum it-tnejn li huma kienu eżawsti, iżda John kien kuntent li dak kollu li talbitu hu wettqu u għamel mezz li jaqtgħalha kull xewqa u fantasija li kellha u jħalliha sodisfatta bħalma qatt kienet f'ħajjitha.

Meta kien għadu qed jisbaħ qam mis-sodda, libes u kitbilha nota fejn qalilha li kien se jerġa' jiltaqa' magħha dik il-lejla stess fid-disgħa u nofs bħall-ewwel darba. Ħares lejha, ra li kienet għadha rieqda u ħareġ bil-mod mill-kamra tagħha. Rikeb il-karozza tiegħu li kellu pparkjata fil-parkeġġ tal-lukanda u rħielha lejn id-dar.

Kif wasal id-dar, daħal f'kamartu, ħa *shower*, biddel ħwejġu u ntefa' fuq soddtu. Raqad kważi mill-ewwel. Meta stenbaħ kienu għadhom xi d-disgħa ta' filgħodu. Monika kienet diġà wasslet lit-tfal l-iskola u semagħha għaddejja bix-xogħol fil-kċina minn fejn kienet ġejja riħa tfuħ ta' ikel warrab minn hemm. Qam mis-sodda u mar lejn il-kċina. Monika kienet lestietlu kolazzjon ġmielu – għax kemm ilu li reġa' beda jaħdem hu, Monika waqfet mix-xogħol ħalli tkun tista' tqatta' aktar ħin mat-tfal u tara li ħadd ma jonqsu xejn fid-dar,

lanqas hu! Kif daħal, Monika semgħatu, ħarset lejh u tbissmet, "Bonġu John, għandek xejn ġuħ?"

John poġġa fuq il-banketta mal-mejda u qalilha, "Bonġu Mon, ġuħ għandi, imma ma rridekx toqgħod tieħu ħafna xogħol għalija, naf nirranġa xi ħaġa biex niekol filgħodu u inti jkollok il-qadi tiegħek x'tagħmel … Grazzi Monika."

John ma setax jieqaf milli jħossu grat u obbligat lejn martu talli kienet ħallietu jgħix f'darha u aktar minn hekk jibqa' jgħix ma' wliedu wara dik il-ġlieda finali li kellhom u li bidlitilhom ħajjithom kompletament. Qatt ma kien jobsor li martu kienet mara daqshekk intelliġenti u kapaċi tasal tagħmillu proposta daqstant astuta, u għamlithielu f'mument meta kienet ċerta li kien lest jagħmel kollox għax kien ħalef fuq uliedu li kien lest jgħid iva għal kulma titolbu. John għaddielu ftit suspett li dan il-pjan kien ilu xi ftit żmien li għaddielha minn moħħha lil Monika u fl-aħħar hu stess taha l-opportunità li kien jonqosha. Għall-ewwel ħasibha li qed tiġġennen meta qaltlu xi trid minnu biex ma jiġġildux aktar u jkunu kuntenti t-tnejn. Imma aktar ma beda jaħseb fuq il-proposta ta' martu aktar beda jara kemm fil-fatt hi vantaġġjuża għat-tnejn!

Monika reġgħet tbissmet u qaltlu, "Grazzi ta' xiex? Talli sibtlek xogħol? Fid-dinja trid titgħallem tisfrutta r-riżorsi li jkollok għall-vantaġġ tiegħek!"

Għolliet spallejha u qaltlu bl-innoċenza kollha, "Kulm' għamilna kien li sibna t-triq tan-nofs – kompromess – li bih jien u int kuntenti u t-tfal se jtiru bil-ferħ għax m'għadhomx jisimgħu ġlied u għajjat bejnietna."

John qabel magħha u mbagħad ftakar f'xi ħaġa, "Hemm bilħaqq, jien għandi sal-ġimgħa bbukkjat hux? Mela mbagħad nieħdu t-tfal *weekend* il-*farm* ta' Peter għax mejjet biex jarahom u Martina u Mattie jiġġennu fuq id-debba l-ġdida li xtara, xi tgħid?"

Monika daret fuq il-*laptop* li kien hemm miftuħ fuq il-bank tal-kċina u dehret tiċċekkja xi ħaġa, daret fuq John u bi tbissima ħelwa qaltlu, "Dan il-*weekend* naqbżuh John għax għandek appuntament ma' sinjura Taljana li offriet u diġà ħallset €5,000 għal żewġ iljieli fil-kumpanija tiegħek, però l-*weekend* ta' wara se nħallihulek *free* u tista' tavża lil Peter minn issa li nkunu nistgħu mmorru dakinhar."

John ħares lejha, xengel rasu b'sodisfazzjon u ammirazzjoni u qalilha, "Qatt ma ħdimt ma' *manager* eċċellenti daqsek Mon!"

"Kul qabel jiksaħlek John," qalet Monika b'daħka żgħira. "U strieħ sew għal-lejla ħi!"